

Brussell, 1 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0123 (COD)

9668/17
ADD 1

TRANS 212
CODEC 923
IA 100

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Ġunju 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2017) 195 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL- PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2017) 195 final.

Mehmuż: SWD(2017) 195 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.5.2017
SWD(2017) 195 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 bl-
għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur**

{COM(2017) 281 final}
{SWD(2017) 194 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 rigward l-aċċess għall-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 rigward l-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
Il-problemi ewlenin li ġew identifikati huma: - Fatturi li jdgħajfu l-kompetizzjoni ġusta bejn l-operaturi tat-trasport residenti u dawk mhux residenti. - Kostijiet għoljin għall-industrija u għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istati Membri tal-UE. Dawn il-problemi ġejjin minn: - infurzar inkonsistenti u mhux effettiv. - nuqqasijiet fir-regoli. - kamp ta' applikazzjoni differenti tar-regoli. Dawn il-problemi jaffettwaw prinċipalment lill-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u lill-impjegati tagħhom, iżda wkoll lil persuni oħra involuti fil-katina tat-trasport bħalma huma l-ispedituri, l-ispedizzjonieri u l-utenti aħħarin.
X'għandu jinkiseb?
L-intervent għandu l-għanijiet ġenerali li: - jgħin biex jinkisbu kundizzjonijiet ibbilanċjati għall-kompetizzjoni bejn l-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq residenti u dawk mhux residenti. - jitnaqqsu l-kostijiet għan-negozji u jiġi żgurat li r-regoli jiġu infurzati b'mod effiċjenti. Iż-żewġ għanijiet speċifiċi tiegħu huma li: - jiżgura monitoraġġ u infurzar koerenti u konsistenti tar-regoli eżistenti fl-Istati Membri. - Jispeċifika r-regoli b'mod aħjar u jnaqqas l-għażliet disponibbli għall-Istati Membri.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
Mhuwiex probabbli li n-nuqqasijiet ta' dawn ir-regoli jiġu solvuti fin-nuqqas ta' azzjoni mill-UE. L-uniku mod kif dawn jistgħu jingħelbu huwa permezz ta' intervent leġislativ immirat lejn l-armonizzazzjoni ulterjuri tar-regoli. Primarjament l-infurzar jitħalla f'idejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Sabiex jinkiseb livell aktar uniformi ta' infurzar u jinkisbu prattiki ta' infurzar simili, jeħtieġ li l-UE tistabbilixxi regoli biex l-infurzar jiġi ffaċilitat u jsir aktar effiċjenti, filwaqt li teżiġi wkoll livell minimu komuni ta' infurzar.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma d-diversi għażliet għall-ksib tal-għanijiet? Hemm għażla preferuta jew le? Jekk le, għaliex?
L-Għażla 1: <u>Il-kjarifikazzjoni tal-qafas legali</u>: miżuri biex jiġu ċċarati l-ambigwitajiet eżistenti u biex ir-regoli jiġu speċifikati b'mod ulterjuri, mingħajr ma jinbidlu b'mod sostanzjali. L-Għażla 2: <u>It-tisħiħ tal-infurzar</u>: minbarra l-miżuri tal-Għażla 1, din l-għażla tinkludi miżuri għat-tisħiħ tal-infurzar. L-Għażla 3: <u>Reviżjoni estensiva tar-regoli</u>: flimkien mal-miżuri msemmija qabel, din tinkludi miżuri addizzjonali maħsuba biex il-qafas legali eżistenti jinbidel b'mod sostanzjali. Għażla 4 – orizzontali: <u>Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti</u>: din l-għażla tinvolvi l-estensjoni tal-applikazzjoni ta' Regolament wieħed, jew tat-tnejn li huma, sabiex tinkludi jew jinkludu l-vetturi kummerċjali ħfief (LCVs) b'mod sħiħ jew parzjali. Din tista' tiġi kkombinata ma' kwalunkwe waħda mill-għażliet l-oħra. L-għażla preferuta hija kombinament tal-Għażla 3 u estensjoni parzjali tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 għal-LCVs.
X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?

Hemm qbil wiesa' rigward il-biċċa l-kbira tal-miżuri mmirati lejn il-kjarifikazzjoni u l-ispeċifikar ulterjuri tal-kunċetti eżistenti u lejn it-tiżiħ tal-infurzar tar-regoli. Il-pożizzjonijiet huma diverġenti fir-rigward ta' miżuri ewlenin li jistgħu jbiddu l-pożizzjonijiet kompetittivi ta' operatori tat-trasport tal-merkanzija bit-triq minn Stati Membri differenti. Stati Membri b'paċi għoljin, li għandhom l-appoġġ tat-trejdjunjins, għandhom it-tendenza li jiffavorixxu regoli aktar stretti dwar il-kabotaġġ, filwaqt li Stati Membri b'paċi baxxi, li għandhom l-appoġġ tal-biċċa l-kbira tal-assoċjazzjonijiet tal-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, għandhom it-tendenza li jiffavorixxu l-liberalizzazzjoni ulterjuri tar-regoli dwar il-kabotaġġ.
C. Impatti tal-għażla preferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
- Iffrankar għan-negozji permezz tal-użu ta' dokumenti tat-trasport elettroniċi u regoli aktar ċari (bejn EUR 3 biljun u EUR 5 biljun għall-UE-28 fil-perjodu 2020-2035). - Monitoraġġ u infurzar aktar effettiv tar-regoli u għadd inqas ta' ksur. Tnaqqis mistenni ta' ksur tar-regoli dwar il-kabotaġġ sa 62 % u tnaqqis ta' madwar 10 % tar-riskju ta' kumpaniji tal-isem. - Applikazzjoni koerenti tar-regoli fl-UE-28 kollha. - Kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol għax-xufiera.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
- Kostijiet oġġla ta' implimentazzjoni u ta' infurzar għall-Istati Membri (bejn EUR 65 miljun u EUR 166 miljun għall-UE-28 fil-perjodu 2020-2035). - L-applikazzjoni parzjali tar-regoli għal-LCVs se twassal għal kostijiet addizzjonali għan-negozji fil-forma ta' żieda ta' bejn 4 % u 10 % fil-kostijiet operatorji.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?
Huwa mistenna li l-biċċa l-kbira tal-miżuri ma jkollhomx impatti partikolari fuq l-SMEs. Madankollu, l-estensjoni parzjali tar-regoli għal-LCVs tista' taffettwa għadd akbar ta' operatori żgħar ħafna, peress li dawn jużaw aktar l-LCVs.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Kif imsemmi hawn fuq, kostijiet addizzjonali mgħarrba mill-Istati Membri b'rabta mal-infurzar tar-regoli.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
L-ebda impatt ambjentali sinifikanti jew impatt fil-livell globali tal-impjegi fil-livell tal-UE. Sinerġiji mal-inizjattiva soċjali, jiġifieri: 1) miżuri maħsuba għat-titjib tal-infurzar; kif ukoll 2) il-kombinament tar-regoli l-ġodda dwar il-kabotaġġ mal-approċċ ibbażat fuq il-ħin għall-istazzjonar tal-ħaddiema previst bħala parti mill-inizjattiva soċjali se jiffaċilita l-infurzar taż-żewġ settijiet ta' regoli.
Proporzjonalità?
L-għażla preferuta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tissolva l-problema oriġinali u biex jintlaħqu l-għanijiet tal-inizjattiva.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Hija prevista evalwazzjoni tar-Regolament emendatorju għall-2025, diment li dan jidħol fis-seħħ fl-2020.